*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,456, 7 ta' Awwissu, 2020*
*Taqsima A*

# MALTA

**ATT Nru XLII tal-2020**

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT sabiex jemenda l-liġijiet li jirregolaw l-Uffiċċju tal-Ombudsman.**

**ACT No. XLII of 2020**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to amend laws which regulate the Office of the Ombudsman.**

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

**(L.S.)** **GEORGE VELLA**
**President**

7 ta' Awwissu, 2020

**ATT Nru XLII tal-2020**

*ATT sabiex jemenda l-liġijiet li jirregolaw l-Uffiċċju tal-Ombudsman.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2020 dwar diversi liġijiet relatati mal-Uffiċċju tal-Ombudsman. Titolu fil-qosor.

**TAQSIMA I**
**Emendi għall-Kostituzzjoni ta' Malta**

**2.** Din it-Taqsima temenda l-Kostituzzjoni ta' Malta u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Kostituzzjoni ta' Malta, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejħa "il-Kostituzzjoni". Emendi għall-Kostituzzjoni ta' Malta.

**3.** L-artikolu 64A tal-Kostituzzjoni għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 64A tal-Kostituzzjoni.

(a) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) L-Ombudsman għandu jinħatar mill-President li jaġixxi skont riżoluzzjoni tal-Kamra li tgħaddi bil-voti ta' mhux inqas minn żewġ terzi tal-membri kollha tal-Kamra:

Iżda illi minkejja d-dispożizzjoni ta' xi liġi oħra, jekk ir-Riżoluzzjoni ma jkollhiex favur tagħha l-voti ta' mhux inqas minn żewġ terzi tal-membri kollha tal-Kamra, il-persuna li tkun tokkupa l-kariga ta' Ombudsman għandha, fi kwalunkwe ċirkostanza, tibqa' fil-kariga sakemm ir-Riżoluzzjoni jkollha favur tagħha l-voti ta' mhux inqas minn żewġ terzi tal-membri kollha tal-Kamra:

Iżda wkoll meta persuna li ma tkunx membru tal-Kamra tiġi eletta biex tkun l-Ispeaker tal-Kamra ma għandhiex titqies bħala membru tal-Kamra bil-għan li tiġi stabbilita l-maġġoranza meħtieġa minn dan l-artikolu."; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu għandhom jiżdiedu s-subartikoli li ġejjin:

"(3) L-Ombudsman jista' f'kull ħin jitneħħa jew jiġi sospiż mill-kariga tiegħu mill-President, fuq indirizz mill-Kamra li jgħaddi bil-voti ta' mhux inqas minn żewġ terzi tal-membri kollha tal-Kamra, fejn jitolbu għal din it-tneħħija fuq ir-raġuni ta' prova tal-inkapaċità tiegħu li jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu (kemm jekk jirriżulta minn nuqqas ta' saħħa fiżika jew mentali jew kwalunkwe kawża oħra) jew imġiba ħażina pruvata, u d-dispożizzjonijiet tal-proviso tas-subartikolu (2) għandhom japplikaw ukoll għall-fini li tiġi stabbilita l-maġġoranza meħtieġa taħt dan is-subartikolu:

Iżda fi kwalunkwe ħin meta l-Parlament ma jkunx f'sessjoni, Ombudsman jista' jiġi sospiż mill-kariga tiegħu mill-President li jagixxi skont id-diskrezzjoni tiegħu stess għall-inkapaċità li jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu jew imġiba ħażina pruvata għas-sodisfazzjon tal-President; iżda kwalunkwe sospensjoni bħal din ma għandhiex tibqa' fis-seħħ aktar minn xahrejn wara l-bidu tas-sessjoni tal-Parlament li jmiss.

(4) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu u mingħajr preġudizzju għas-subartikolu (1), l-Ombudsman jista' jmexxi kull investigazzjoni fuq l-inizjattiva tiegħu jew wara li jasallu lment bil-miktub ta' persuna li jkollha interess fil-kwistjoni li tkun ġiet leża minn xi azzjoni bħal dawk imsemmija, jew meta l-persuna leża tkun mietet jew għal kull raġuni li tkun ma tkunx kapaċi tagixxi f'isimha, tal-eredi jew rappreżentant tagħha:

Iżda kwalunkwe Kumitat tal-Kamra jista' fi

kwalunkwe ħin jirreferi lill-Ombudsman għal kwalunkwe petizzjoni li tkun quddiem il-Kumitat għall-konsiderazzjoni, jew kwalunkwe kwistjoni li għandha x'taqsam mal-petizzjoni. Fi kwalunkwe każ l-Ombudsman għandu, soġġett għal kwalunkwe direzzjoni speċjali tal-Kumitat, jinvestiga kwistjonijiet hekk msemmija, sa fejn ikunu fil-ġuriżdizzjoni tiegħu u jagħmel dak ir-rapport lill-Kumitat jekk jidhirlu xieraq:

Iżda wkoll il-Prim Ministru jista' fi kwalunkwe ħin jirreferi lill-Ombudsman għall-investigazzjoni u jirrapporta kwalunkwe kwistjoni, għajr għal kwistjoni li tkun soġġetta għal proċeduri ġudizzjarji, li l-Prim Ministru jqis li għandha tiġi investigata mill-Ombudsman. Fejn, skont dan il-proviso, kwistjoni tiġi investigata mill-Ombudsman, huwa għandu jirrapporta dwarha lill-Prim Ministru, u wara jista' jagħmel dak ir-rapport lill-Parlament dwar il-kwistjoni kif jidhirlu xieraq:

Iżda wkoll fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu, l-Ombudsman ma għandux ikun soġġett għad-direzzjoni u l-kontroll ta' kwalunkwe persuna jew awtorità:

Iżda wkoll jekk l-Ombudsman matul jew wara xi investigazzjoni jkun tal-fehma li jkun hemm prova ta' att ta' korruzzjoni kif imfisser fl-Att dwar il-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni, l-Ombudsman jista' jirreferi dak li jkun irriżulta direttament lill-Avukat Ġenerali. Kap. 326.

(5) Kull kwistjoni anċillari jew inċidentali għaliha jew li hija meqjusa neċessarja jew spedjenti għat-twettiq tal-funzjoni msemmija fis-subartikolu (1) għandha tiġi pprovduta minn Att tal-Parlament.".

## TAQSIMA II
## Emendi għall-Att dwar l-Ombudsman

Emendi għall-Att dwar l-Ombudsman. Kap. 385.

**4.** Din it-Taqsima temenda l-Att dwar l-Ombudsman u din għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Ombudsman, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 18 tal-Att prinċipali.

**5.** Fl-artikolu 18 tal-Att prinċipali, is-subartikolu (6) għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (7) u minnufih wara s-

subartikolu (5) għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(6) Jekk l-Ombudsman matul jew wara xi investigazzjoni jkun tal-fehma li jkun hemm prova ta' att ta' korruzzjoni kif imfisser fl-Att dwar il-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni, l-Ombudsman jista' jirreferi dak li jkun irriżulta direttament lill-Avukat Ġenerali.". Kap. 326.

Emenda għall-artikolu 29 tal-Att prinċipali.

**6.** Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 29 tal-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "mal-ewwel opportunità li jkollu." għandhom jiżdiedu l-kliem "Dan ir-rapport għandu, mill-aktar fis possibbli, jiġi diskuss waqt seduta parlamentari dedikata.".

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 366 tad-29 ta' Lulju, 2020.

CLAUDETTE BUTTIGIEG
*Deputy Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*